**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L- ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 1 ta' Novembru, 2018**

**Rikors nru: 195/18 AGV**

A
Vs
B

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tar-rikorrenti pprezentat fl-20 ta' Lulju, 2018 li permezz tieghu ppremetta u talab is-segwenti:-

1. Illi huwa zzewweg lill-intimata B fit-3 ta' Lulju, 2004 u z-zwieg ta' dina l-koppja gie registrat fir-Registru Pubbliku ta' Malta bin-numru progressiv elf mija u tmienja tas-sena elfejn u erbgha 1148/2004) (certifikat taz-zwieg anness).

2. Illi l-partijiet xoljew u llikwidaw il-kommunjoni tal-akkwisti bejniethom u effettwaw is-separazzjoni personali permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni personali ppubblikat in atti tan-Nutar Dottor John Gambin fit 12 ta' Frar, 2015 – (kopja anness Dok. B).

3. Illi l-partijiet ghandhom tifla C li twieldet fit-22 ta' Gunju, 2006 u li fir-rispett taghha r-rikorrenti hallas manteniment kif provdut fil-kuntratt ta' separazzjoni hawn fuq imsemmi u m'hemm l-ebda arretrati dovuti sal lum.

4. Illi huwa ddiskuta mal-avukat tieghu Dottor Ian Micallef il-possibilita' ta' rikonciljazzjoni u nghata mill-istess avukat l-ismijiet u l-indirizzi tal-persuni kwalifikati biex joffru l-ghajnuna fil-process ta' rikonciljazzjoni bejn il-mizzewwgin (dikjarazzjoni anness Dok. C) u kkonkluda li ma hemm ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

5. Illi jikkonkorru l-kriterji rikjesti mil-ligi ghall-hall taz-zwieg u ghad-divorzju tal-partijiet.

Ghaldaqstant, ir-rikorrenti A jitlob bir-rispett lil dina l-Onorabbli Qorti biex tiddikjara li z-zwieg tieghu ma' B hu mahlul u li l-partijiet huma divorzjati ghal effetti kollha tal-ligi u biex jordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex fi zmien mholli ghaldaqshekk minn din il-Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan ikun registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat li fl-udjenza tal-1 ta' Novembru, 2018, dehret l-intimata li m'opponitx ghat-talbiet tar-rikorrent.

Rat l-Artikolu 66 A u B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat;

Il-Qorti rat li r-rikorrent irnexxielu jissodisfaw ir-rekwiziti kollha mehtiega mil-Ligi sabiex iz-zwieg ta' bejn il-partijiet jigi mahlul u dana peress illi ppruva illi l-partijiet ilhom sseparati *de facto* ghal aktar minn erba' snin u kienu ukoll isseparaw legalment skond kuntratt datat 12 ta' Frar, 2015fl-atti tan-Nutar Dr. John Gambin. Jikkonferma ukoll li dejjem hallas l-manteniment dovut skond il-kuntratt ta' separazzjoni.

Illi r-rikorrent pprova ukoll illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment.

Ghal dawn il-motivi din il-Qortitaqta' u tiddeciedi din il-kawza billi:-

1. Tilqa' t-talba tar-rikorrent u tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet ai termini tal-Artikolu 66A, wara li gew soddisfatti r-rekwiziti tal-Artikolu 66B tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien ghaxart ijiem mil lum javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.
2. Tirriduci t-terminu ghall-appell ghall- gurnata.

L-ispejjes jibqghu bla taxxa.

**Imhallef**

**Deputat Registratur**